II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (EU) Nru 1345/2011

**tad-19 ta' Diċembru 2011**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/859/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar [2], l-informazzjoni relatata ma' entità waħda fuq il-lista fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 għandha tiġi aġġornata.

(3) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 għandu jiġi aġġornat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 194/2008, l-entrata għal Mayar (H.K) Ltd għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Mayar India Ltd (Yangon Branch)
37, Rm (703/4), Level (7), Alanpya Pagoda Rd, La Pyayt Wun Plaza, Dagon, Yangon."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. KOROLEC

[1] ĠU L 66, 10.3.2008, p. 1.

[2] Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.